# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 124/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrino Azzopardi)**

**vs**

**Raymond Mifsud**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Raymond Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 201965M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-istess data, hin u lok u b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat:

Fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' kummercjali

Executive Booking Office Limited (C39705), b'indirizz registrat 50, The Strand, Sliema, Malta u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-pagi ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Dicembru 2016 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €1,015.20, naqas li jhallas il-bonus statutorju ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Dicembru 2016 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €29.71, naqas li jhallas il-weekly allowance ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Dicembru 2016 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €27.86, naqas milli jhallas il-vacation leave ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-4 ta' Frar 2017 ammontanti ghal €70.43, versu liema ammont sar pagament ta' mija u tnax-il ewro (€112) fejn l-ammont dovut rimanenti huwa dak ta' elf, wiehed u tletin ewro u ghoxrin centezmu (€1,031.20) inkluzi t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lil ex-impjegata tieghu, u cioe' lil Petya Angelova (ID 130987A)

Il-Qorti kienet mitluba tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas l-penali skont il-Ligi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) kif ukoll ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 u cioe' illi naqas li jhallas pagi, ghamel tnaqqis illegali naqas li jhallas xi bonus, zamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li ghandu jithallas minflok in-notice, naqas li jaghti vaganzi bi hlas, naqas li jaghmel xi pagament dovut lil impjegat skont l-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta'

standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni iehor maghmula taht il-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-avviz Legali 427 ta' l-2007 u 259 ta' l-2012 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallas il-penali ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex ihallas lil Petya Angelova (ID 130987A) l-ammont ta' elf, wiehed u tletin ewro u ghoxrin centezmu (€1,031.20) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu, 2018 li biha lliberat lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq nuqqas ta' provi;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u tghaddi sabiex tinfliggi l-piena skond il-ligi u dana fl-ahjar interess u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat dwar in-nullita' tal-appell interpost mill-Avukat Generali. L-appellat huwa tal-fehma illi l-Avukat Generali kellu jitlob in-nullita' tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka taghha;

2. L-Avukat Generali talab ir-revoka u t-thassir tas-sentenza liberatorja tal-ewwel Qorti bil-premessa illi n-nuqqas ta' notifika tal-kwerelanta ma kellhiex twassal ghall-liberazzjoni tal-appellat u kien jispetta lill-Qorti li tiddiferixxi l-kawza. Din il-Qorti kemm il-darba rrimarkat f'sentenzi ohra illi ma hemmx htiega li jintuza kliem differenti minn dawk indikati fil-Kodici Kriminali. Fi kwistjonijiet t'appell, l-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 jipprovdi li ir-rikors tal-appell ghandu jkun fih, il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell u it-talba ghat-<u>tahsir</u> jew ghat-<u>tibdil</u> tas-sentenza. Ghalhekk mhu mehtieg xejn ghajr dawn iz-zewg kelmiet skond l-intenzjoni tal-appellant u jkun assolutament inutili li wiehed jitlob ir-revoka, thassir, annullament u kancellament ta' sentenza bhalma invarjabilment tara din il-Qorti f'diversi appelli bhal donnu dak li jkun irid jaccerta ruhu li l-Qorti tifhem it-tifsira dizzjonarja tal-kelma "tahsir";

3. Ventilat dan, l-appellat jikkontendi illi la darba l-Avukat Generali irid li din il-Qorti tisma' l-provi u ssib htija fl-appellat allura kellu jitlob in-nullita' tas-sentenza appellata u mhux it-tahsir taghha. L-Avukat Generali laqa' ghal dan billi rreplika li din l-eccezzjoni mhix sorretta mill-ligi gialadarba l-appell hu bazat fuq enuncjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi. L-argument tal-appellat huwa li sabiex Qorti t'Appell tisma l-provi u tiddeciedi mill-gdid kien mehtieg li qabel xejn is-sentenza tal-ewwel Qorti tkun dikjarata nulla. Il-konsegwenza tat-tahsir, ghal-kuntrarju iggib maghha bhala konsegwenza il-validita' tas-sentenza sabiex il-Qorti tal-Appell imbaghad tiddeciedi jekk tikkonfermax l-istess jew le. Mill-aspett filosofiku ghalhekk, l-argument hu li ma tistax titlob

ghat-tahsir ta' sentenza jekk fil-fond tal-kwistjoni hemm imqanqla n-nullita';

4. Kwisjtoni konsimili kienet fil-passat ricenti, tqanqal diskussjoni approfondita anke ghaliex kienet wahda li ggib maghha l-piena ta' nullita kif qed jitlob l-appellat. Madanakollu, l-artikolu 520 (1) (c) tal-Kodici Kriminali illum jilqa' ghal-dan billi jaghmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143 tal-Kaptiolu 12 tal-ligijiet ta' Malta. Is-subartikolu (4) jipprovdi hekk:

> **(4) Fil-kazijiet imsemmija f'dan l-artikolu talba ghal-thassir ghandha titqies li tinkludi talba ghal annullament u tibdil tas-sentenza jew tad-digriet, u talba ghal annullament ghandha titqies li tinkludi talba ghal thassir u tibdil tas-sentenza**.

5. Bhal ma gia senjalat f'sentenzi ohra dan l-artikolu ma jghidx li talba ghal tibdil ggib maghha l-invers ta' talba ghal thassir, izda dan mhux il-punt in diskussjoni. Dak li hu relevanti hu li l-kwistjoni sollevata mill-appellat llum hija rizolta billi ma tistghax aktar titqanqal. L-artikolu 22 tal-Att I tal-2018 beda fis sehh appena promulgata l-ligi, igifieri fil-15 ta' Jannar 2018 bl-appell introdott fiil-21 ta' Marzu 2018. Anke li ma kienx hemm il-principju ta' *jus superveniens* japplika ghal-kwistjonijiet konsimili u ghalhekk l-eccezzjoni tal-appellat qed tkun respinta;